# Il-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes ġewwa l-Floriana

Kitba ta' Chev Mario Coleiro OSJ

Il-Floriana hija lokalità li fiha nsibu numru mdaqqas sew ta' postijiet ta' interess. Binjiet storiċi u importanti jżejnuha u jkabbru l-patrimonju tagħha. Hawnhekk insibu postijiet fejn l-amministrazzjoni tal-pajjiż taqdi l-ħtiġijiet tagħha. Insibu wkoll ġonna sbieħ imżejna b'ħafna monumenti. Ma jistax jonqos li fil-Floriana nsibu numru ta' knejjes u postijiet fejn insibu ħajja d-devozzjoni li aħna l-Maltin għandna lejn il-fidi nisranija. Il-Furjaniżi taw xhieda ta' dan meta bnew waħda mill-isbaħ knejjes parrokkjali li nsibu f'Malta. Din il-knisja tixhed il-qima, l-imħabba u d-devozzjoni tal-Furjaniżi lejn Alla l-imbierek u lejn San Publju, patrun tal-Floriana u ta' Malta. Imma fil-Floriana nsibu wkoll numru sabiħ ta' knejjes oħra li kollha għandhom storja x'jirrakkontaw. F'dan l-artiklu ser nitkellmu fuq forsi l-iżgħar kappella li nsibu fil-Floriana però, minkejja ċ-ċokon tagħha, din tgawdi devozzjoni kbira. Din hija l-kappella tal-Madonna ta' Lourdes.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna f'pajjiżna hija waħda qawwija ħafna. Sa mill-bidu, minn meta t-twemmin Kristjan beda jinfirex mal-gżejjer, nibtet id-devozzjoni lejn Ommna Marija Santissima, Omm Alla. Fost il-ħafna titli li l-Madonna hija meqjuma bihom, insibu wieħed pjuttost riċenti. Dan huwa t-titlu tal-Madonna ta' Lourdes. Minkejja li dan it-titlu ilu biss madwar 150 sena li ngħata lill-Madonna, xorta waħda sar wieħed mill-aktar titli devoti u li f'pajjiżna huwa mxerred sew. Naraw bosta niċeċ, statwi, artali, toroq u kappelli li kollha huma ddedikati lill-Madona ta' Lourdes. Dan it-titlu ngħata lill-Madonna meta fil-11 ta' Frar 1858 dehret lil Bernardett Soubirous ġewwa r-raħal ċkejken ta' Lourdes fin-naħa t'isfel ta' Franza. Sa minn meta saru d-dehriet tal-Madonna ġewwa dan ir-raħal fil-muntanji Pirinej, ix-xbihat tal-Madonna ġo għar u Santa Bernardett għarkupptejha quddiemha saru xi ħaġa verament popolari. Il-



figura tal-Madonna liebsa l-abjad b'terħa ċelesti mdawra ma' qaddha u b'idejha magħqudin quddiem sidirha, tħares lejn is-sema, saret waħda mill-aktar xbihat devoti tal-Madonna. Biżżejjed insemmu n-numru kbir ta' statwi li naraw fil-ġonna u fil-btieħi tad-djar tagħna.

Bħal ħafna bliet u rħula oħra f'Malta, ġewwa l-Floriana nsibu d-devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Lourdes. Fil-knisja Parrokkjali ta' San Publju nsibu vara tal-Madonna ta' Lourdes iżda l-akbar turija ta' devozzjoni lejn il-Madonna tal-Lourdes fil-Floriana, hija l-kappella li nsibu biswit il-kunvent tal-Kapuċċini ddedikata lilha. Din il-kappella għandha storja ħelwa ħafna li tifforma parti wkoll mill-istorja tal-Floriana nnifisha. Il-bidu ta' din il-kappella joħodna lura

saħansitra qabel id-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes. Fil-fatt din il-kappella taf il-bidu tagħha fi żmien il-Kavallieri u qabel ma nbnew is-swar tal-Floriana.

Kien il-Gran Mastru Verdala li kien offra biċċa art b'xejn lill-patrijiet Kapuċċini biex fuqha jibnu l-kunvent tagħhom. Din l-art kienet tinsab 'il barra mis-swar tal-Belt Valletta u għalhekk kienet maqtugħa għaliha waħidha. Ir-regola tal-Patrijiet Kapuċċini hija li l-kunventi tagħhom ma jkunux ġewwa l-Bliet iżda jridu jkunu maqtugħin għalihom u mbiegħda mill-bini. Meta din il-knisja tlestiet, bdiet tiġbed lejha ħafna pellegrini u devoti li kienu jmorru jżuruha. Il-kunvent tal-Kapuċċini kien sar post fejn ħafna nies kienu jsibu l-faraġ tagħhom fil-kwiet u s-solitudni 'l barra mill-istorbju tal-Belt. Kienu diversi dawk il-benefatturi li kienu jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-Patrijiet biex imexxu dan il-post. Wieħed minnhom kien il-Kavallier Guttenbegh li ħaseb, biex minn flusu, jibni kappella ċkejkna maġenb il-knisja u l-kunvent tal-Kapuċċini ddedikata lil Santa Marija Madalena Penitenti. Din il-kappella setgħet isservi bħala refuġju għal dawk li kienu jżuru l-knisja tal-Kapuċċini u fiha kienu jsibu post fejn setgħu jistkennu. F'din il-kappella kienet tqiegħdet statwa sabiħa tal-Madalena mimduda li kienet skolpita fil-ġebel. (Din l-istatwa ntilfet fil-qerda tal-gwerra meta l-kappella ntlaqtet waqt attakk tal-għadu.)



Meta fi żmien il-Gran Mastru Lascaris inbnew is-swar tal-Floriana fuq pjanti tal-inġinier militari Pietro Paolo Floriani, il-kunvent tal-Kapuċċini spiċċa mdawwar bis-swar. Din il-ħaġa wasslet għal protesti mill-Patrijiet li saħqu li skont ir-regola tagħhom, il-kunvent kellu jkun 'il barra mis-swar. Imma minkejja dawn il-protesti, il-proġett sar xorta waħda u l-patrijiet kellhom ibaxxu rashom. Fortunatament dawn is-swar ma jtellfux mid-devozzjoni li dan il-post kien igawdi mill-Maltin. Il-kappella tal-Madalena baqgħet ukoll iffrekwentata ħafna mill-pellegrini.

Ġara, li meta ħafna snin wara madwar id-dinja kollha bdiet tinxtered id-devozzjoni lejn id-dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes, il-Kapuċċini ħasbu biex jinbidel it-titular tal-kappella u minflok Santa Marija Madalena din tkun iddedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Din il-ħaġa wasslet biex bdew ixettlu d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes f'pajjiżna. Għal dan il-għan, inġiebet statwetta tal-Madonna ta' Lourdes minn-Franza u tqiegħdet fuq l-artal ta' din il-kappella. Mal-mogħdija taż-żmien bdiet tinħass il-ħtieġa li l-kappella tinbena mill-ġdid u għalhekk tqabbad il-Kavallier Manuel Borg biex jagħmel il-pjanti l-ġodda. Ċertu Franġisku Saverio Galea ħareġ il-flus biex seta' jinbeda x-xogħol u bosta benefatturi oħrajn taw l-għajnuna tagħhom biex setgħet titlesta. Wara l-artal sar għar tal-gagazza li fih tqiegħdet l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes. Kien nhar is-26 ta' Diċembru 1920 meta l-Isqof Don Mauro Caruana berikha u fetaħha għall-pubbliku. Fi-żmien il-gwerra l-istatwa tal-Madonna kienet tniżżlet ġewwa xelter biex tiġi salvata mill-qilla tal-bombi. Il-kappella ntlaqtet u ġarrbet xi ħsarat. Wara l-gwerra kellha tissewwa biex nhar id-19 ta' Mejju 1946, l-istatwa devota tal-Madonna ta' Lourdes reġgħet tqiegħdet fil-kappella tagħha u reġgħet bdiet tattira lejha numru kbir ta' devoti li jżuruha ta' kuljum.

Din il-kappella ħelwa tkompli żżid mal-kullana ta' postijiet li fihom hija vvenerata l-Madonna. Barra minnhekk din il-kappella tkompli tkabbar il-patrimonju storiku li jinsab fil-Floriana. Ħafna nies jorbtu d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes mal-Florjana bis-saħħa ta' din il-kappella. Illum din il-knisja għadha tattira numru sabiħ ta' devoti li jżuruha ta' kuljum. Riċentament sar xogħol estensiv ta' restawr biex b'hekk din tkun priżervata għall-ġenerazzjonijiet futuri.